

Brussell, 22 ta' Novembru 2023
(OR. en)

15862/23

DENLEG 59
FOOD 89
SAN 690

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Kummissjoni Ewropea
data meta waslet:	10 ta' Novembru 2023
lil:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
Nru dok. Cion:	D092106/2
Suġġett:	REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../... ta' XXX li jemenda r-Regolament (UE) 2023/915 fir-rigward tal-livelli massimi għas-somma ta' 3-monokloropropandiol (3-MCPD) u ta' esterji tal-aċidi xaħmin ta' 3-MCPD fil-formula tat-trabi, fil-formula ta' prosegwiment u fil-ikel għal skopijiet mediċi speċjali maħsub għat-trabi u għat-tfal żgħar u fil-formuli għat-tfal żgħar

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument D092106/2.

Mehmuż: D092106/2



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, **XXX**
PLAN/2023/1984 Rev1
(POOL/E2/2023/1984/1984-R1-EN.docx
D092106/02
[...](2023) **XXX** draft

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...

ta' **XXX**

li jemenda r-Regolament (UE) 2023/915 fir-rigward tal-livelli massimi għas-somma ta' 3-monokloropropandiol (3-MCPD) u ta' esteri tal-aċidi xaħmin ta' 3-MCPD fil-formula tat-trabi, fil-formula ta' prosegwiment u fl-ikel għal skopijiet mediċi speċjali maħsub għat-trabi u għat-tfal żgħar u fil-formuli għat-tfal żgħar

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...

ta' **XXX**

li jemenda r-Regolament (UE) 2023/915 fir-rigward tal-livelli massimi għas-somma ta' 3-monokloropropandiol (3-MCPD) u ta' esteri tal-aċidi xaħmin ta' 3-MCPD fil-formula tat-trabi, fil-formula ta' prosegwiment u fl-ikel għal skopijiet mediċi speċjali maħsub għat-trabi u għat-tfal żgħar u fil-formuli għat-tfal żgħar

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 315/93 tat-8 ta' Frar 1993 li jistabbilixxi proċeduri tal-Komunità għall-kontaminanti fl-ikel¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 2(3) tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2023/915² jistabbilixxi l-livelli massimi għal ċerti kontaminanti, inkluż għas-somma ta' 3-monokloropropandiol (3-MCPD) u ta' esteri tal-aċidi xaħmin ta' 3-MCPD fl-ikel.
- (2) Meta l-livelli massimi għas-somma ta' 3-monokloropropandiol (3-MCPD) u ta' esteri tal-aċidi xaħmin ta' 3-MCPD fil-formuli tat-trabi, fil-formuli tal-prosegwiment u fl-ikel għal skopijiet mediċi speċjali maħsub għat-trabi u għat-tfal żgħar u fil-formuli għat-tfal żgħar ġew stabbiliti bir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2020/1322³, ġie stipulat li daww il-livelli massimi kellhom jiġu rieżaminati bil-ħsieb li jitbaxxew fi żmien sentejn mid-data tal-applikazzjoni ta' dak ir-Regolament.
- (3) Fl-2018 l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel ("l-Awtorità") ikkonkludiet li l-preżenza ta' esteri ta' 3-MCPD u esteri gliċidiliċi f'ċerti oġġetti tal-ikel kienet ta' tħassib għas-saħħa, b'mod partikolari fl-ikel għat-trabi u għat-tfal żgħar⁴.
- (4) Il-livelli massimi għas-somma ta' 3-monokloropropandiol (3-MCPD) u ta' esteri tal-aċidi xaħmin ta' 3-MCPD fil-formuli tat-trabi, fil-formuli tal-prosegwiment u fl-ikel għal skopijiet mediċi speċjali maħsub għat-trabi u għat-tfal żgħar u fil-formuli għat-tfal żgħar ġew stabbiliti bir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2020/1322 u dawn il-livelli massimi ġew integrati fir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2023/915.

¹ ĠU L 37, 13.2.1993, p. 1.

² Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2023/915 tal-25 ta' April 2023 dwar il-livelli massimi għal ċerti kontaminanti fl-ikel u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1881/2006 (ĠU L 119, 5.5.2023, p. 103).

³ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2020/1322 tat-23 ta' Settembru 2020 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1881/2006 f'dak li għandu x'jaqsam mal-livelli massimi tat-3-monokloropropandiol (it-3-MCPD), tal-esteri tat-3-MCPD tal-aċidi grassi u tal-esteri gliċidiliċi tal-aċidi grassi f'ċerti oġġetti tal-ikel (ĠU L 310, 24.9.2020, p. 2).

⁴ Il-Bord CONTAM tal-EFSA (Il-Bord dwar il-Kontaminanti fil-Katina tal-Ikel tal-EFSA), 2018. Scientific Opinion on the update of the risk assessment on 3-monochloropropane diol and its fatty acid esters. EFSA Journal 2018;16(1):5083, 48 pp.<https://doi.org/10.2903/j.efsa.2018.5083>

- (5) *Data* reċenti dwar l-okkorrenzi mill-kontrolli mwettqa mill-Istati Membri u disponibbli fil-bażi tad-*data* tal-Awtorità tas-snin ta' kampjunar 2020 - 2022 tindika li livelli aktar baxxi ta' 3-MCPD u ta' esteri tal-aċidi xaħmin ta' 3-MCPD fil-formuli tat-trabi, fil-formuli tal-prosegwiment u fl-ikel għal skopijiet mediċi speċjali maħsub għat-trabi u għat-tfal żgħar u fil-formuli għat-tfal żgħar diġà jistgħu jinkisbu permezz ta' prattiki tajbin. Għalhekk, daww il-livelli massimi jenħtieġ li jitbaxxew sabiex jiġi żgurat livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem.
- (6) Għalhekk, jenħtieġ li r-Regolament (UE) 2023/915 jiġi emendat skont dan.
- (7) Sabiex l-operaturi ekonomiċi jkunu jistgħu jippreparaw għar-regoli l-ġodda introdotti b'dan ir-Regolament, jixraq li jingħata żmien raġonevoli sakemm jibdeu japplikaw il-livelli massimi l-ġodda. Jixraq ukoll li jiġi previst perjodu tranżizzjonali għall-ikel introdott fis-suq legalment qabel id-data tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.
- (8) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness I tar-Regolament (UE) 2023/915 huwa emendat f'konformità mal-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

L-ikel elenkat fl-Anness introdott legalment fis-suq qabel l-1 ta' Jannar 2025, jista' jibqa' fis-suq sad-data tad-durabbiltà minima tiegħu jew sad-data tal-iskadenza tiegħu.

Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2025.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kummissjoni

Il-President

Ursula VON DER LEYEN